**KUMITAT REGJONALI XLOKK**

IL-BELT VALLETTA (CITTA' UMILISSIMA), IL-BIRGU (CITTA' VITTORIOSA), L-ISLA (CITTA' INVICTA), BORMLA (CITTA' COSPICUA), HAZ-ZABBAR (CITTA' HOMPESCH), IZ-ZEJTUN (CITTA' BELAND),IL-FGURA, FLORIANA, IL-KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL TARXIEN, IX-XGHAJRA.

# Minuti tal-Laqgha Nru. 48 / 2014

Il-Laqgha Nru 48/2014 tat-Tieni Amministrazzjoni saret it-Tnejn 7 ta' Lulju,2014 fis-6.15pm fl-Ufficcji Amministrattivi tal-Kumitat Regjonali Xlokk f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien. Data u hin

**Prezenti ghal-laqgha :** Attendenz

| | |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President, |
| Is-Sinj. Alison Zerafa | Sindku Bormla |
| Is-Sur Nigel Holland | Sindku Floriana |
| Is-Sinj. Speranza Chircop | Sindku Kalkara |
| Is-Sur Francis Debono | Sindku Marsa |
| Is-Sur Rodrick Spiteri | Sindku Paola |
| Is-Sur Quinton Scerri | Sindku Zabbar |
| Dr Byron Camilleri | Sindku Fgura |
| Dr Alexi Dingli | Sindku Valletta |
| Is-Sur Mario Calleja | Sindku M'Scala |
| Is-Sur Carmel Bugeja | V/Sindku M'Xlokk |
| Is-Sur J Attard | Kunsillier – Birgu |
| Is-Sur Chris Cocker | Kunsillier – Isla |
| Is-Sinj. Tania Belfiore | Segretarju Ezekuttiv |
| Is-Sur Paul J. Pace | Agent-Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzati :**
Is-Sur Joe Attard - Sindku Zejtun
Is-Sur Joseph Abela -Sindku Tarxien
Is-Sur Anthony Valvo - Sindku Xghajra

Il- President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha li bdiet fis-6.15pn

1.1 **Qari u Spjegazzjoni tal-Minuti**

**PERESS LI DIN KIENET LAQGHA STRAORDINARJA MA GEWX IPPREZENTATI IL-MINUTI TAL-LAQGHA PRECIDENTI**

Il-President, is-Sur Paul Farrugia, qal li ghal din il-laqgha ir-Regjun ghandu s-Segretarju Ezekuttiv gdida li hija s-Sjr. Tania Belfiore.

Il-membri prezenti kollha tawha merhba.

Il-President, is-Sur Farrugia, beda biex spjega fid-dettal l-iskop ta' din il-laqgha mghajjtha b'urgenza, cioe' is-sitwazzjoni prezenti rigward is-servizz tal-gwardjani lokali tal-kumpanija Sterling Security.

Huwa qal li r-Regjun kien ircieva korrispondenza minghand l-iSterling Security, datata 24 ta' Gunju, 2014, iffirmata mis-Sinjuri Noel Schembri u David Stubbings.

Huma rreferu ghal-imejls li r-Regjun kien baghtilhom, fejn kienu mwissija li kien se jinhargulhom *default notices* minn naha tar-Regjun Xlokk minhabba nuqqas ta' sorveljanza kif ukoll li r-Regjun Xlokk kien se jnaqqas mill-fatturi l-ammont ta' flus li l-AO tar-Regjun isib li m'humiex *tracked* jew hemm evidenza li dak ix-xoghol sar fir-realta'.

Sterling Security ikkonfermat bil-miktub fejn formalment avzat lir-Regjun illi s-servizzi tal-infurzar lokali pprovdut minn Sterling Security Co. Ltd. lir-Regjun Xlokk ser jieqaf milli jkompli jigi pprovdut b'effett mill-31 t' Awwissu, 2014.

Saret diskussjoni fit-tul u l-President, is-Sur Paul Farrugia, qal li dan l-issue svolga peress li r-Regjun fl-ahhar pagament li ghadda lil Sterling Security kien imnaqqas bis-somma ta' €8,354.23(li kienu *untracked hours*) mill-ammont dovut ghax-xahar ta' Frar 2014.

Ir-Regjun qabel unanimament li mexa sewwa, ghax din l-*issue* kienet diskussa waqt laqgha tar-Regjun fejn kien sar qbil unanimament li fuq il-fatturi mibghuta mill-iSterling Security, fejn ma jkunx hemm *tracked hours* dawn ghandhom jitnaqqsu mill-fattura.

Il-President, is-Sur Paul Farrugia, qal li l-iSterling Security qeghdin igibu skuza li minhabba li r-Regjun kien naqqsilhom il-flus minhabba l-*untracking* kienu qed jeddu li ser jaghtu s-sensja lill-Gwardjani Lokali li jahdmu fuq r-rotta flimkien mal-*Contracts Manager*.

Ir-Regjun iddiskuta din it-theddida u qabel unanimament li l-iSterling Security qeghdin jheddu lir-Regjun bis-sensji meta huma m'ghandhom l-ebda dritt li jgibu skuza li se jaghtu xi sensji minhabba r-Regjun Xlokk.

Filfatt, ir-Regjun qabel unanimament li ghandu jiehu pariri legali minghand il-konsulenti legali tieghu rigward din l-issue u jara wkoll x'passi jista' jiehu ghal danni li jistaq' jsofri r-Regjun Xlokk flimkien mal-Kunsilli kollha nvoluti fir-Regjun Xlokk ghall-eventwalita' li Sterling Security jiksru xi kundizzjoni mis-servizzi li suppost jaghtu.

Il-President, is-Sur Paul Farrugia qal li huwa kellu diversi laqghat fuq din l-*issue* kemm f'livell ministerjali kif ukoll fl-livell trejdjunjonistiku. Qal ukoll li qieghed jistenna l-approvazzjoni mill-Ministru responsabbli sabiex jipprocedi bil-ftehim maqbul f'dawn il-laqghat.

Ir-Regjun Xlokk, wara li kompla jiddiskuti u janalizza l-problemi li jezistu fuq dan is-servizz moghti mill-iSterling Security, qabel unanimament li ghandu jhalli f'idejn il-President tar-Regjun, is-Sur Paul Farrugia, sabiex jaghmel il-kuntatti kollha mehtiega sabiex tigi risolva b'mod amekevoli din l-*issue*.

Is-Sur Paul Farrugia, irringrazzja lill-membri kollha prezenti, kemm ghal prezenza taghhom f'din il-laqgha, u tal-appogg unanimu li wrew f'din l-*issue*.

**Gheluq:**

Tmi

Il-Laqgha spiccat fit-8:15pm

**Chev. Paul Farrugia**
**President**

**Tania Belfiore**
***Segretarju Ezekuttiv***

Minuti approvati llum 7 , ta' Lulju 2014.

## Laqgha specjali (2)

Anthony Valvo Paul Please see Tony Valvo ---------- Forwarded message ---------- From: Anthony Valvo <anthonyvalvo@gmail.com> Date: 2014-07-05 12:31 GMT+02:00 Subject: Laqgha specjali To: Regjun Xlokk at DLG <regju
To Me
Jul 5 at 12:40 PM
Paul
Please see

Tony Valvo

---------- Forwarded message ----------
From: **Anthony Valvo** <anthonyvalvo@gmail.com>
Date: 2014-07-05 12:31 GMT+02:00
Subject: Laqgha specjali
To: Regjun Xlokk at DLG <regjun-xlokk.dlg@gov.mt>

Ghaziz Paul Farrugia President Regjun Xlokk

Navzak li jien sen nkun msiefer nar it Tnejn 7 ta' Lulju imma nixtieq naghmel il-kummenti tieghi rigward it-tracking tal wardens.

Jien kont ic-Chairman tal Kummitat Kongunt tal-Fgura ghal xi 6 snin u maghtul dan il-perjodu kien ikkolna hafna illmenti minhabba it-tracking tal wardens pero bis-sahha tar-reprezzentant tal AO gewwa il-Kongunt taghna (John Bonavia) konna nzommu records ta' kull tracking ta' kull warden. Kien hemm drabi li konna innaqsu mill kont tal Agenzija tal-Wardens ghax ma konniex naqblu mal kontijiet li kienu jintbaghtu u ma kienux jaqblu mat-tracking tal-Wardens. Is-sur Bonavia kien ta' sikwiet jiltaqa u/jew jittkellem mal wardens u l-Agenzija u dejjem zammejna fuq dak li ahna konna nirrikonceljaw mat-tracking tal-Agenzija tal Wardens b'rizultat li konna nnaqsu mill kont. Is-sur Bonavia dejjem mexa strett ma' dak ix-xoghol li kien qieghed issir attwali u li kieku ma kellniex is-sistema tat tracking ma konniex nasslu.
Jien nemmen li it-tracking hu essencjali ghax b'hekk biss nistghu nasslu ghal xhinu issir mill wardens u nkunu nistghu niverifikaw dawk is-sighat li kienu qieghdin nigu ic-cargjati.

Grazzi u Skuzawni.

Anthony Valvo
Sindku
Xghajra